Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Maġistrat dottor Paul Coppini LL.D.

**Kawża Numru: 189/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

vs

**Kurt Gatt**, ta' 31 sena, iben Michael u Maria Dolores nee' Bugeja, imwieled Pieta', Malta, fit-3 ta' Gunju 1982, u residenti Blk. D – 2, Fl.12, Triq id-Duluri, Pieta', Malta, Karta tal-Identita' numru 316082(M)

Illum il-Ħamis, 21 ta' Ġunju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li biha Kurt Gatt ġie akkużat talli nhar t-2 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (5a.m.) ġewwa t-Terminal tal-Mġarr, fl-Imġarr limiti ta' Għajnsielem, Għawdex:

1. Ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafif fuq il-persuna ta' Christian David Mesa Ocampo hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Michael J. Refalo MD tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja jew hedded lil persuna ta' Christian David Mesa Ocampo;

3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja u ċirkostanzi kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel reat waqt li kien qiegħed fil-perijodu ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' Frar 2011;

5. Talli sar reċediv b'diversi sentenza mogħtija lilu mill-Aorti tal-Maġistrati (Malta) u mil-Qorti tal-Appell liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u d-Difiża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti rriżulta illi dakinhar tat-2 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (5.00a.m.) l-imputat kien qiegħed jistenna li jirkeb il-vapur biex jirritorna Malta ġewwa t-Terminal tal-Imġarr. Hemmhekk kien hemm ukoll il-vittma, Christian David Mesa Ocampo, ta' nazzjonalita' barranija, jistenna bħalu biex jirkeb il-vapur. Dan kien qed idoqq *harmonica* li kien għadu kemm issellef mingħand passiġġier ieħor. Jidher li dan id-daqq kien qed jirrita numru ta' passiġġieri oħra li kien hemm jistennew fit-terminal dak il-ħin, fosthom lill-imputat u xi oħrajn li kien hemm fil-viċinanzi tiegħu, li għal xejn qalulu biex jiskot. Hekk kif il-vittma kompla jdoqq, dan ġie agredit minn xi persuni u per konsegwenza sofra feriti li ġew iċċertifikati bħala ta' natura ħafifa mit-tabib Dr. Michael Refalo.[1]

F'din il-kawża xehdu biss il-vittma u l-imputat.

**Il-vittma**, li ma tantx seta' jesprimi ruħu sew bil-lingwa ingliża, spjega l-inċident bil-mod segwenti:

"*I entered the station with my friends... and I found one place for the cafeteria, and in one moment I start listen the Maltese old guy play the harmonic, and I arrived the guy, and I asked him if he can teach me one typical song from Malta and the guy accepted and start*

[1] Ara ċertifikat mediku esebit a fol. 27 tal-proċess

*playing. And in one moment after that he asked me I can play the harmonic for him from typical song from Colombia and I accept, and I start playing and in moment the guy from here* (b'referenza għall-imputat) *arrived ...from me and I wake up, I stand up, ... but it's normal when I play ... with my friends the people arrived me and I start enjoy, but he did not enjoy* (b'referenza għall-imputat) ... *The guy and the friends. After that for me he start punch, but I remember he pushed ... I continue play, I continue play...We did not speak anything about, he had to say anything, and in that moment, he only pushed this one* (b'referenza għall-imputat).

... *And in the moment, I stand up again and I ask him 'why you push and kick me, why?' And I never finished the word when I saw their face, the guy look around and I looked the same direction, and one friend, the guy jumped and kick me in this part, and punch me in the face, in the head, and I fall down I say 'why you continue, why?*'

Mistoqsi mill-Qorti: "*Who punched you now, who punched you*?" ix-xhud wieġeb: "*Other guy, the other guy ... Yes another guy, I recognise the guy, it's the skinhead, half to or skinhead, one is all there and the other is there, dark skin, the dark skin ...* "

Mistoqsi mill-Qorti jispjega l-imputat x'parti kellu fl-inċident, ix-xhud wieġeb: "*… he only push know, he pushed me on the face.*"[2]

**L-imputat,** da parti tiegħu, spjega li:

"*...fil-hamsa tal-filghodu (5.00a.m.) kont qed nistenna l-vapur l-Imgarr biex immur lura. Kien hemm bniedem li kellu din u beda jdoqqha ,.. jaghmel l-istorbju zewg passi 'l boghod minni ... Jiena bil-prudenza kollha ghedtlu 'my friend please,' ghedtlu ghax bhal speci l-hamsa tal-filghodu u hekk, qam qabad il-harmonica u gie ghamilhieli hekk ma' wicci, u gie ghamilhieli hekk ma' wicci. Jien kif gie ghamilhieli hekk ma' wicci mbuttajtu, imbuttajtu hekk. Kien hemm ragel iehor, lanqas idea tieghu, fartas, hareg u daqshekk, u baqa 'jaghtih... Jien, ma tajtux daqqiet, jien just mbuttajtu, gie ma' wicci u mbuttajtu...*"

Mistoqsi mill-Ispettur Bernard Spiteri f'liema parti ta' ġismu mbuttah, ix-xhud wieġeb li mbuttah minn wiċċu.[3]

F'tali ċirkostanzi fejn, irriżulta evidenti li ma kienx l-imputat li kkawża l-feriti mġarrba mill-vittma, imma terz li ġie deskritt bħala raġel fartas. Infatti mir-ritratti esebiti mill-Pulizija, u li ġew elevati mis-CCTV cameras installati fit-Terminal tal-Imġarr, wieħed jista' jinnota raġel fartas miexi b'idejh fil-bwiet ġewwa t-

[2] Ara deposizzjoni tal-vittma a fol. 11 – 16 tal-proċess
[3] Ara deposizzjoni tal-imputat a fol. 66 - 69

Terminal fl-erbgħa u sitta u ħamsin minuta tal-filgħodu (4:56) tat-2 ta' Marzu 2014.[4] Terġa', il-vittma qabel ma' l-imputat li dan tal-aħħar sempliċement mbuttah minn wiċċu. Iċ-ċertifikat mediku, mbagħad, jindika li l-feriti li ġarrab il-vittma kienu f'idu u ma kellu l-ebda menomazzjoni f'wiċċu.[5]

Għaldaqstant tiddeċidi dwar l-akkużi billi:

1. Tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuża peress li jirriżulta li l-imputat ma kienx il-kawża tal-feriti li ġarrab il-vittma,

2. Tilliberaħ mit-tieni u t-tielet akkużi billi ma nġiebu ebda provi f'dan ir-rigward;

3. Tilliberaħ ukoll mir-raba u ħames akkużi, ġialadarba ma nstabet ebda ħtija fir-rigward tal-akkużi l-oħra.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

21.06.2018 – Krim189.2014 – Pulizija vs Kurt Gatt
987

[4] Ara Dok. FT. 1 inserit f'envelope a fol. 10 tal-proċess
[5] Ara ċertifikat a fol. 27 tal-proċess